MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 980/2010

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anthony Portelli]**

**vs**

**Jean Pierre Mamo**

**Richard Decelis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jean Pierre Mamo detentur tal-karta tal-identita` numru 546182(M) u Richard Decelis detentur tal-karta tal-identita' numru 104592(M).

Akkuzati talli:

1. Gewwa Rahal Gdid fil-perjodu ta' bejn l-1 u l-10 ta' Settembru 2010, ikkommettew serq minn gewwa l-power station l-antika li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37 euro, kif ukoll bill-mezz u bi vjolenza, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija EneMalta Corporation u/jew persuni ohra;

2. U iktar talli gewwa Rahal Gdid nhar is-16 ta' Settembru 2010 ghall habta tat-8.00 ta' filghaxija, assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta u cioe` delitt ta' serq ta' cables mil-imsemmi post cioe` il-power station l-antika li tinsab fil-Qasam Industrijali Kordin u dan ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija EneMalta Corporation u/jew persuni ohra, liema delitt huwa punibbli b'piena ta' prigunerija m'huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

3. Jean Pierre Mamo wahdu talli f'xi hin bejn 1-4 ta' Settembru 2010 u s-6 ta' Settembru 2010, ikkommetta serq ta' cable u pajpijiet tar-ram minn gewwa bini taht kostruzzjoni li jinsab fi Triq L-Abate Rigord, Ta' Xbiex, liema serq huwa ikkwalifikat bill-mezz u bil-valur li jeccedi 2,329.27 euro, u dan sar ghad-detriment ta' Aaron Attard u/jew persuni ohra.

Richard Decelis akkuzat wahdu talli:

Kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7(5) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Jacqueline Padovani LL.D. datata 2 ta' Settembru, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex fil-konfront ta' Jean Pierre Mamo wahdu, f'kaz ta' sejbien ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li huwa gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., nhar is-16 ta' Gunju 2004, liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat li l-imputati ikkontestaw l-akkuzi kif dedotti kontrih izda li ammettewhom fi stadju ulterjuri u li kkonfermaw tali ammissjoni wara li nghataw zmien opportune sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom; u

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li tinsab htija taht l-Artikoli:

**FIR-RIGWARD TA' JEAN PIERRE MAMO WAHDU:**

a. Fl-artikoli 48A, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 267, 276, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 267, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 17, 23, 31, 48A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**FIR-RIGWARD TA' RICHARD DECELIS WAHDU:**

a. Fl-artikoli 48A, 261 (a)(b)(c), 262 (1)(b), 263, 267, 276, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 7, 21, 22, 23, u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 17, 23, 31, 48A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda kollha kif ukoll semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq ta' cables mill-Palumbo shipyard sabiex jittiehdulu c-comb li jkun hemm go fihom u jigi mibjugh lill-terzi.

Illi rrizulta illi ghall-imputat Jean Pierre Mamo hemm l-addebitu tar-recidiva fuq l-istess tip ta' reati izda ghall-imputat l-iehor Richard Decelis hemm li kiser id-dispozizzjonijiet ta' Probation Order precedentement moghtija lilu.

Illi rat l-ammissjoni taz-zewg imputati li ammettew l-akkuzi kif dedotti kontrihom u li kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw zmien bizzejjed sabiex jergghu jahsbuha u dan wara li nqraw l-Artikoli fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2011.

Rat id-diversi xhieda tal-Probation Officer Marietta Lanzon kif ukoll rapport tal-psikologa Roberta Holland ghall-andament tal-imputat Richard Decelis.

Illi fuq l-andament tal-imputat Jean Pierre Mamo, din il-Qorti ma tantx kellha informazzjoni hlief bix-xhieda tieghu stess li ghandu tliet it-tfal minn relazzjonijiet separati. Illi pero` jidher illi hu kien sab impjieg u li kien pjuttost stabbli. Illi pero` din il-Qorti ma tistax tinsa li dan l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiva li jirreferi ghal reat iehor ta' serq u ma tistax tifhem kif, in vista tal-fatt li l-imputat ghandu tliet it-tfal, dan ma jahsibx fihom u jipprova jevita l-inkwiet.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, in kwantu ghall-imputat Richard Decelis, ghalkemm kien hemm diversi tentattivi sabiex jirriforma ruhhu tant li Qorti precedenti u anke bl-intervent kontinwu tal-probation officer Marietta Lanzon, dan xorta ma hax l-okkazjoni biex jiehu din l-ghajnuna u minflok ghazel triq ta' ghazz u apatija.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti thoss illi l-unika forma ta' piena li ghandha taghti f'dawn ic-cirkostanzi hija piena karcerarja forsi b'din l-imputati jkollhom perjodu ta' riflessjoni fejn jahsbu serjament x'direzzjoni ghandhom jaghtu lill-futur taghhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 48A, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 276, 278, 279(b), 280(2) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati **Richard Decelis** u **Jean Pierre Mamo** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom fuq ammissjoni u lill-imputat J**ean Pierre Mamo** tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija; u lill-imputat **Richard Decelis** tikkundannah ghal sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------